**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

**Kawża Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 50/2021 JVC**

**Bruno Philip Farrugia (K.I. Nru. 327881M) u Joseph Spiteri (K.I. Nru. 341738M)**

**vs**

**Catherine Cauchi (K.I. Nru. 271241M), John Cauchi (650263M), Thomas Cauchi (K.I. Nru. 7765M) u Jeremy Cauchi (K.I. Nru. 58770M)**

**Il-Qorti,.**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

‘1. Illi l-attur Joseph Spiteri huwa l-kerrej attwali tar-raba msejha “ta’ Gatt”, kuntrada tal-Pintur limiti ta’ Hal Ghaxaq u li ghandha kejl superficjali ta’ madwar tliet (3) itmiem, liema raba’ ilu jikri ghal tal-inqas dawn l-ahhar tmienja u hamsin (58) sena u liema kera jirceviha certu Thomas Cauchi; illum mejjet;

2. Illi l-attur l-iehor Bruno Farrugia jiehu hsieb u jahdem din ir-raba’ fl-interess tal-attur Joseph Spiteri;

3. Illi f’xi hin bejn it-tnax (12) u l-erbatax (14) ta’ Jannar tas-sena kurrenti (2021), x’aktarx nhar il-Hamis 13 ta’ Jannar ghal habta tas-7:00 ta’ filghodu, il-konvenuti u/jew agenti terzi inkarigati minnhom, minghajr ebda kunsens u/jew awtorizzazzjoni legittima tal-esponenti, qabdu u mblukkaw l-access ghal din ir-raba’ billi tefghu zewg blokkok kbar tal-concrete fl-entratura taghha kif proprju jidher u jirrizulta fir-ritratti hawn annessi;

4. Illi fl-istess zmien il-konvenut jew agenti taghhom iddepozitaw ukoll kwantita’ kbira ta’ materjal u terrapien quddiem dawn il-blokkok tal-concrete kif ampjament jidher fir-ritratti hawn uniti u kollettivament immarkati “Dok. A”;

5. Illi ghalhekk l-esponenti gew spolljati mill-pussess taghhom tar-raba’ hawn fuq indikata, liema spoll gie kommess mill-konvenuti jew agenti taghhom, b’mod vjolenti w klandestin.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghalfejn m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti personalment u/jew agenti minnhom inkarigati kkommettaw att ta’ spoll vjolenti

u klandestin bit-tqeghid ta' blokkok tal-concrete u munzell ta' materjal u terrapien fl-entratura tal-ghalqa msejha "ta' Gatt", kuntrada tal-Pintur, limiti ta' Hal-Ghaxaq;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jirrimwovu dawk l-istess blokkok u terrapien u jhallu access liberu ghall-istess ghalqa;

3. Fin-nuqqas li jaghmlu dak ordnat fiz-zmien hekk stabbilit, tawtorizza lill-esponenti sabiex jirrimwovu huma stess dawn l-istess blokkok tal-concrete a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Catherine Cauchi et li taqra kif isegwi:

i. 'Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi Bruno Philip Farrugia mhux il-legittimu kuntradittur u l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li qatt ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejnhom u l-istess Bruno Philip Farrugia

ii. Illi Joseph Spiteri mhux fi stat li jaghti inkarigu biex issir din il-kawza u dan qed jsir biss minn Bruno Philip Farrugia li jippretendi li ghandu dritt jikkapparra hwejjeg haddiehor u ghal din ir-raguni wkoll l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

iii. Illi l-intimati ilhom fil-pussess ta' din l-imsemmija ghalqa li giet lilhom ritornata ghal dawn l-ahhar tlett snin, biex b'hekk ma jikkonkorrux l-elementi tal-actio spolii, cioe 'spoliatum fuisse et infra bimestre deduxisse', u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

iv. Illi l-ghelieqi in kwistjoni ilhom registrati mal-ARPA bhala ghal skopijiet agrikoli minn Awwissu 2019, u dan stante li l-intimati ghandhom attivita' agrikola gestita minn San Niklaw Estates Limited.

v. Illi Joseph Spiteri kien abbanduna u rrilaxxja l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni cirka tmien snin ilu, tant illi l-intimati tul dawn l-ahhar tlett snin bdew jahdmu l-ghalqa in kwistjoni permezz ta' certu Jesmond Psaila, ghax qabel dan iz-zmien kien qed jintefa zibel u debris fiha kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

vi. Illi fl-istess zmien il-Kumitat tal-Banda ta' San Guzepp ta' Hal Ghaxaq talbu lill-istess intimati biex jikrulhom l-ghalqa halli jkunu jistghu jkomplu jtellghu l-murtali jew in-nar mill-istess ghalqa, kif kienu qed jaghmlu fis-snin ta' qabel, mhux bil-permess tas-sidien.

vii. Illi xi snin ilu, saret xatba mill-isqaq privat minn certu Michael Spiteri li kellu xi garages fl-inhawi, u ta kopja ta' din ic-cavetta lill-istess intimati biex huma jkunu jistghu jaccedu l-ghelieqi taghhom u Joseph Spiteri qatt ma kellu cwievet ghall-istess xatba.

viii. Illi l-ghelieqi gew mhollija fi stat ta' abbandun mill-istess Joseph Spiteri, u kien jirrizulta bl-iktar mod ovvju illi qabel ma abbanduna u rrilaxxja l-pussess

tal-ghelieqi l-intimat Spiteri, dawn l-ghelieqi kien ilhom ma jinhadmu s-snin, u effettivament Jesmond Psaila u l-intimati Cauchi hargu trakkijiet ta' debris u skart mholli f'din l-istess ghalqa, liema skart kien jitwaddab minn terzi injoti. Illi dan kollu jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

ix. Illi inolte, qabel ma nehhew dan id-debris u skart huma kellhom jsejhu l-Pulizija biex jnehhu l-isplussivi li ma kienux mahruqin fl-istess ghalqa ghax din kienet qed tikkawza periklu imminenti u ma kinitx konsonanti mal-attivita agrikola li suppost kien qed jaghmel Spiteri qabel ma ceda din l-ghalqa lis-sidien. Il-Pulizija taz-Zejtun mexxiethom biex jikkuntattjaw lill-Kumitat tal-Kamra tan-Nar ta' San Guzepp ta' Hal-Ghaxaq, biex dan il-periklu jitnehha. Fil-fatt huma marru fuq l-ghalqa u nehhew dan it-tali perikolu cirka tlett snin ilu.

x. Illi l-fatt stess illi l-Kazin ta' San Guzepp ta' Hal Ghaxaq kien ilhom juzaw l-ghalqa in kwisjtoni li fiha kien hemm l-isplussivi, turi bic-car illi din l-ghalqa ma kinitx qed tintuza mill-istess Spiteri u kienet giet abbandunata minnu tul iz-zmien.

xi. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Rat illi fil-verbal datat 14 ta' Marzu 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kawza ta' allegat spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrent Joseph Spiteri u Bruno Philip Farrugia (fejn dan tal-ahhar isostni li huwa l-bin naturali tar-rikorrent l-iehor) isostnu li kellhom fil-pussess taghhom u Joseph Spiteri jikri raba' li tinsab gewwa Hal Ghaxaq. Izidu li f'xi hin bejn it-12 u l-14 ta' Jannar, 2021 l-intimati jew terzi inkarigati minnhom, minghajr il-kusnens tar-rikorrenti mblukkaw l-access ghal din ir-raba' billi tefghu zewg blokok kbar tal-konkrit fl-entratura tal-ghalqa u wkoll tefghu xi terrapien quddiem l-istess blokok. Isostnu ghalhekk li l-intimati kkommettew spoll fil-konfront taghhom u jitlobu li din il-Qorti tordna li l-intimati jirripristinaw l-istatus quo ante u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu x-xoghol neccessarju.

L-intimati jeccepixxu li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent Bruno Philip Farrugia u li dan ma jigix mir-rikorrent l-

iehor Joseph Spiteri. Jeccepixxu wkoll li ilhom fil-pusses tal-ghalqa ghall-ahhar tlett snin stante li kienet gie ritornata lilhom minn Joseph Spiteri. Li l-ghalqa in kwistjoni ilha registrata f'isimhom mal-ARPA minn Awwissu 2019. Jeccepixxu ulterjoment l i kien l-istess Joseph Spiteri li abbanduna l-ghalqa madwar tmien snin qabel u li fl-ahhar tlett snin kienu bdew jahdmu l-ghalqa permezz ta' terz Jesmond Psaila ghaliex qabel kienet mimlija zibel u debris u dan kien juri wkoll li Joseph Spiteri kien ilu snin twal ma jaghmel uzu mill-ghalqa. Izid li biex jaghmlu uzu mill-ghalqa konsegwenza tan-nar li kien jinharaq minnha kellhom jirrikorru ghall-pulizija u l-kazini kienu nadfu l-ghalqa madwar tlett snin qabel il-kawza. Jeccepixxu li dawn l-ahhar snin il-Kazin kien qed jitlob permess lilhom biex jaharqu n-nar tal-festa mill-ghalqa. Izidu li snin qabel meta saret cavetta tax-xatba fl-isqaq li twassal ghall-ghalqa minn Michael Spiteri dan kien ghaddilhom kopja taghha. Finalment isostnu li l-fatt li l-ghalqa kienet tintuza ghall-iskop ta' hruq tan-nar tal-festa juri wkoll li l-ghalqa kienet ilha ma tintuza ghal snin twal.

Illi fil-mertu l-Qorti rat ir-ritratti tat-terrapien u blokok li allegatament huma l-oggett li permezz taghhom sehh l-ispoll allegat a fol. 4 sa 10 tal-process.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Bruno Philip Farrugia** a fol. 23 et seq tal-process. Huwa jsostni li ommu u r-rikorrent l-iehor kienu

f'relazzjoni sa minn meta hu kien zghir u dejjem stmah  bhala missieru.  Jghid li r-rikorrent Joseph Spiteri dejjem jafu jahdem din ir-raba' u qablu kien jahdimha missieru ghalhekk gejja mill-familja ta' Joseph Spiteri.  Izid li huwa trabba u ghex f'din ir-raba' mar-rikorrent li jichad li mhux mentalment kapaci ghalkemm illum igib tlieta u tmenin sena.  Dwar l-allegat spoll jghid li f'Jannar 2021 kellu l-hsieb  li jizra din ir-raba' bil-qamh ghalhekk stqasa lill-bidwi ta' hdejn Michael Spiteri sabiex jindikalu min seta' jaghmel dan ghalih.  Michael Spiteri tah isem u hu ftiehem li x-xoghol kellu jsir fl-14 ta' Jannar, 2021.  Dwar kif sehh l-allegat spoll jixhed:

'Ftit li xejn ghandi  dubju illi l-imsemmi Michael Spieri nforma lill-familja Cauchi illi jien kont ser inqabbad lil xi hadd biex jizra r-raba bil-qamh, tant li meta mort fir-raba' dakinhar ghal habta ta' nofsinhar (12.00p.m.) biex nizra l-qamh flimkien mal-"Majna" kien hemm fuq il-post zewgt ulied ta' Catherine Cauchi, li x'aktarx kienu John u Jeremy Cauchi, flimkien ma certu  Jesmond Psaila u kien hemm anke' l-Pulizija prezenti u dawn waqfuni milli nidhol fir-raba.  Dakinhar fuq il-post gja kien hemm il-blokki tal-konkos li jidhru fir-ritratti, sejnatament "Photo 4" (Dok.A mar-rikors guramentat).  Ir-terrapien kienu ghadhom ma tefawhx u  x'aktarx dan gie mqieghed ftit wara li tlaqt minn hemm jien ghaliex dan sibtu hemm meta ergajt mort fuq il-post xi hin wara."  (fol. 23)

Ikompli jixhed li xi hmistax-il jum wara wiehed minn ulied Catherine Cauchi kien offrielu kumpens sabiex johrog mill-ghalqa izda hu irrifjuta ghax l-ghalqa ried ikompli jahdimha. Jichad li Joseph Spiteri ivvaka l-ghalqa madwar tmien snin ilu u jsostni li sa' sentejn ilu Joseph Spiteri kien ghadu jitla' spiss fl-ghalqa. Jichad ukoll li fir-raba' kienu jitfghu zibel jew debris jew li din kienet tinhadem fl-ahhar snin minn Jesmond Psaila. Izid illi huma z-zewg kazini tar-rahal li jtellghu in-nar izda mill-ghalqa adjacenti u li f'din l-ghalqa jaghmlu biss erba' kanen. Dwar ix-xatba jsostni li ilhom li ghandhom cavetta taghha madwar 28 sena u li hu m'ghandux kontroll fuq lil min jaghti cavetta ohra Michael Spiteri. Finalment jghid li lil missieru b'referenza ghal Joseph Spiteri hadd qatt ma fetahlu kawza biex jigi dikjarat li huwa abbanduna l-ghalqa u jannetti ritratti mill-ajru. Fl-ahhar paragrafu jsostni li ghandu dubju serju wkoll dwar l-allegat titolu tal-intimati.

Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti mill-ajru esebiti mir-rikorrent a fol. 25 et seq tal-process li juru is-snin 2004 u 2008 fejn ir-raba' tidher mahruta u s-snin 2012 u 2016 fejn fil-jum li ttiehed ir-ritratt ma jidhirx li r-raba' kien mahduma.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Joseph Spiteri** a fol. 32 tal-process. Huwa jsostni li l-ghalqa in kwistjoni huwa ilu jokkupaha ghal aktar minn tmienja u hamsin (58) sena u qablu n-nannu tieghu Valent Spiteri. Jesebixxi kopja tal-ircevuti tal-hlas tal-qbiela a fol.

33 et seq minn fejn jirrizulta li l-ahhar ircevuta ta' hlas tkopri sal-15 ta' Awwissu, 2015 (ara fol. 46). Izid li ghandu dubju dwar it-titolu tal-intimati fuq ir-raba' u li hu qatt ma kellu l-hsieb li jitterminaha l-qbiela tar-raba' in kwistjoni.

Rat l-ittra interpellatorja mibghuta minn Joseph Spiteri lill-intimata Catherine Cauchi datata 12 ta' Jannar 2022 fejn ir-rikorrent jindika li sema' li hi u uliedha mhux ser ihalluh jahdem l-ghalqa, jinfuramaha li ilu mill-anqas sittin sena jahdem ir-raba' u jitlobha ttih prova tat-titolu taghha fuq l-ghalqa in kwistjoni. Il-kawza odjerna giet intavolata ftit jiem wara nhar il-25 ta' Jannar, 2022.

Rat l-affidavits tal-intimati **Catherine Cauchi** (fol. 50 et seq), **John Cauchi** (fol. 61 et seq) u **Jeremy Cauchi** (fol 64 et seq). Fix-xhieda taghhom lkoll jikkonfermaw li r-rikorrent Joseph Spiteri kien ceda l-qbiela tal-ghalqa in kwsitjoni sa mis-sena 2015 u dan wara li talbuh ihallas il-qbiela dovuta u hu nfurmahom li ma kienx ghadu nteressat fl-istess. Jixhdu wkoll li kien f'dan il-mument li Joseph Spiteri irrilaxxa l-ghalqa u ghaddha c-cavetta tax-xatba li taghti ghall-isqaq lill-intimata Catherine Cauchi. Sa minn dak iz-zmien l-istess intimati kellhom trattattivi mal-kazini li kienu juzaw din l-ghalqa ghall-iskop ta' nar tal-Festa. L-intimata esebiet ukoll numru ta' ritratti li skont hi jevidenzjaw l-istat ta' abbandun li kienet fiha l-ghalqa meta hija hadet lura l-pussess taghha

minghand ir-rikorrent Joseph Spiteri a fol. 69 sa 72 tal-process. Rat ukoll ir-ritratti esebiti mal-affidavit ta' Jeremy Cauchi a fol. 64 et seq tal-process. Dawn ix-xhieda jikkonfermaw ukoll li lir-rikorrent Bruno Philip Farrugia qatt ma rawh fuq il-post u li qatt ma kellhom xejn x'jaqsmu mieghu. Izidu li l-problemi li huma kellhom fuq din l-ghalqa kienu ma' certu Francis Galea li mieghu gia kellhom xi kawzi ohra fuq proprjetajiet ohra tal-intimata Catherine Cauchi u li taghhom ma rrilaxxax il-pussess. Jikkonfermaw li effettivament iz-zewg blokok kbar ma tpoggewx fil-granet tal-allegat spoll izda kienu ilhom hemm hafna stante li dawn tpoggew mill-kazini sabiex in-nies taghhom jistkennew meta jkun qed jinghata n-nar. Isostnu li effettivament dakinhar tal-allegat spoll huma kienu gew infurmati li Francis Galea kien qed jippretendi li jahrat l-ghalqa in kwistjoni w'ghalhekk avzaw lill-pulizija. Izidu li kien biss x'hin ulied l-intimata marru fuq il-post mal-Pulizija fejn sabu lil Francis Galea biss, li ftit wara tfacca Bruno Philip Farrugia u saru jafu bih u l-pretensjonijiet tieghu. Jinsistu wkoll li r-rikorrent Bruno Philip Farrugia mhux iben Joseph Spiteri allura fi kwalunkwe kaz xorta ma jista' jvanta l-ebda jedd ta' qbiela fuq l-ghalqa in kwistjoni.

Rat ukoll l-affidavit tal-intimat l-iehor **Thomas Cauchi** (a fol. 77) fejn huwa jichad li qatt ghamel xi offerta lir-rikorrent Burno Philip Farrugia sabiex johrog mill-ghalqa tant li jsostni li lanqas jafu.

Rat l-affidavit ta' **Jesmond Psaila** a fol. 82 et seq tal-process li jikkonferma bil-gurament li huwa ilu mill-anqas mis-sena 2017 jigi nkarigat mill-intimata sabiex jahrat l-ghalqa in kwistjoni u fil-fatt hekk kien jaghmel. Jikkonferma wkoll li fil-jiem tal-allegat spoll huwa kien sab lil Joseph Giordmaina maghruf bhala l-Majna fuq il-post u dan kien qallu li certu Francis Saverju Galea kien inkarigah sabiex jahrat l-ghalqa. Jixhed li Francis Galea qatt ma kellu x'jaqsam mal-ghalqa in kwistjoni u li intebah li bl-azzjonijiet tieghu Galea kien ser jipprova jippussessa ruhu minn din l-ghalqa bhal ma gia kien qed jiprova jaghmel bi proprjetajiet ohra tal-intimata. Jghid li lir-rikorrent Bruno Farrugia huwa ma kienx jafu izda dakinhar dan wasal ftit hin wara Francis Galea jghajjat jippretendi li l-ghalqa hija proprjeta' tieghu. Jghid li dan ma jistax ikun ghaliex hu kien ilu jahrat l-ghalqa fuq ordni tal-intimata Cauchi minn meta Joseph Spiteri kien irrilaxxa l-ghalqa w'ghal madwar l-ahhar sitt snin kien qed imur hu jahrat wara li ma baqghux jittellghu murtali mill-istess ghalqa.

Rat li l-intimata **Catherine Cauchi** xehdet in kontro-ezami a fol. 91 et seq tal-process. Hija terga' tikkonferma li l-blokok ma ghamluhomx uliedha l-intimati l-ohra izda ghamluhom il-kazin ta' San Guzepp u ta' Santa Marija habba n-nar. Tghid li dan tafu ghax kienet regghet tathom permess sabiex jaghtu n-nar basta jaqtaw il-haxix biex ma jkunx hemm periklu anki minhabba l-garaxx u l-ingenji fil-proprjeta' adjacenti. Tghid illi l-blokok huma

tal-franka u mhux tal-konkrit. Tichad li hija tefghet xi terrapien anzi tghid li meta hadet l-ghalqa hi tant kien hemm hmieg li hargu trakkijiet kbar ta' mbarazz wara li hadu r-ritratti tal-istat ta' abbandun u hmieg li gew esebiti fl-atti. Qabbdet in-nies hi biex inaddfu. Tghid li qatt ma hadet passi biex tizgombra lil Joseph Spiteri mill-ghalqa u tghid li kien ragel marid hafna u kien qalulhom li ser jabbanduna l-ghalqa. Izzid li ma hadet passi kontra hadd ghaliex ma kienet taf b'hadd li qed jokkupa l-ghalqa. Dwar ix-xatba tghid li c-cavetta ghaliha kien tahilha l-gar tar-raba' Michael Spiteri li kien ukoll qallha li Joseph Spiteri kien ilu hames snin ma jersaq lejn l-ghalqa. Izzid li kienet baghtet il-binha jfittex lil Joseph Spiteri sabiex ihallas l-arretrati malli miet ir-ragel taghha u bdew iduru r-registri izda Joseph Spiteri qatt ma fethilhom.

Rat ix-xhieda in kontro-ezami tar-rikorrent **Bruno Philip Farrugia** a fol. 102 et seq tal-process. Jghid li ghalkemm fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu hemm certu George Farrugia imnizzel bhala missieru, li kien ir-ragel ta' ommu, fil-fatt skont id-DNA missieru kien ir-rikorrent Joseph Spiteri. Jghid illi l-wirt ta' Joseph Spiteri r-rkkorrent l-iehor li gie nieqes fil-mori tal-kawza waqa' fuqu permezz ta' testment. Jghid li r r-raba' in kwistjoni kien jahdimha Joseph Spiteri u hu kien jghinu. Il-qbiela kienet tghajjat lil Joseph Spiteri. Jichad li Joseph Spiteri kien xi zmien immobbli u baqa' jsuq sal-ahhar ta' hajtu. Jzid li kien fi zmien il-pandemija tal-Covid li ma harguhx. Skont hu sa qabel il-pandemija baqa' jmur l-

ghalqa u baqa' jsuq. Jghid li jaf li l-ghalqa kienet tintuza ghan-nar flimkien ma' 40 tomna ohra. L-ghada kienu jnaddfu ghalhekk setghu juzaw ir-raba'. Jichad li l-permess biex itellghu n-nar kienu jitolbuh lill-intimata. Jghid li huma kienu bil-glied ma' tan-nar biex ma jaharqux imma tal-madwar kienu jhalluhom. Izid izda li Jesmond Psaila ghan-nom tal-intimati kien qal lil tal-Kazin li ma setghux itellghu u kien prova jizra' xi sigar. Lilu qalulu tal-Kazin. Dan sehh f'Gunju fis-sena li Joseph Spiteri gie nieqes. Joseph Spiteri gie nieqes f'Novembru. Izid li l-blokok li fuqhom fetah il-kawza huwa kien mar gurnata qabel biex jaghlef l-annimali u ma kienux hemm, l-ghada mar biex ihawwel il-qamh u sabhom hemm. Jghid li l-blokok ghamluhom ta' Cauchi, mar biex jizra l-qamh, gabulu l-pulizija u ghamlulu l-blokok biex ma jidholx. Waqqfuh it-tfal tal-intimata Cauchi. Qabel dakinhar qatt ma kien kellimhom. Jichad li Joseph Spiteri kien irrilaxxa l-ghalqa snin qabel. Jghid li missier l-intimati Tommy Cauchi qatt ma mar ihabbtilhom kienu jkunu huma li jmorru jfittxuh. Jixhed li huwa dejjem ghex ma' ommu u ma' Joseph Spiteri minn meta twieled sakemm miet Joseph Spiteri. Izid li wiehed mill-intimati mar xi tlett snin qabel u kien staqsihom ghadhomx interessati fil-qbiela u qalulu iva u nfurmawh li gieli hallsu ta' numru ta' snin fi qbiela f'daqqa. Skont hu Jospeh Spiteri baqa' jmur l-ghalqa sa ftit qabel ma miet, sakemm ghamlu l-blokok. Mistoqsi meta saru l-blokok jghid li meta kienu ser jizirghu il-qamh izda ma jafx ezatt. Ma jiftakarx ix-xahar. Kienet diehla x-xitwa. Izid li tela' gurnata

minnhom u l-blokok kienu go genb fl-ghalqa, mar l-ghada biex jizra' il-qamh u sabhom gol-passagg. Il-blokok kien ilhom hemm fl-ghalqa mill-festa ta' San Guzepp f'Gunju. Kienu tefawhom hemm u hallewhom hemm. Imbaghad tela' biex jizra' il-qamh, cempel lill-intimati certu Michael Spiteri ta' hdejhom u qalilhom li kien ser jizra l-qamh u telghu jigru, qabdu l-blokok u tefawhomli fin-nofs. Jghid li ra lil Jesmond icaqlalhom b'gaffa zghira.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqiegħda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skond l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso*

*qualunque o detenzione* **..***'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi fil-kaz odjern il-Qorti tqis li ghandha tibda minn analizi tal-element tal-pussess allegat mir-rikorrenti stante li dwar dan il-partijiet jaghtu versjonijiet kompletament konfliggenti. Filwaqt li li r-rikorrenti jsostnu li huma kellhom pussess sa dakinhar li sehh l-allegat spoll, l-intimati jsostnu li huma kien ilhom fil-pusess tar-raba' in kwistjoni mis-sena 2015 meta kien l-istess rikorrent li rrilaxxa l-ghalqa lura lilhom. F'kaz li r-rikorrenti ma jirnexxielhomx jippruvaw l-element tal-pusess allura din il-kawza ta' spoll ma tkunx tista' legalment tirnexxi.

Illi kif ben tajjeb issottometta r-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-verita' tal-fatti tistrieh fuq il-kredibilita' tax-xhieda mressqa fl-atti odjerni. Da parti taghhom r-rikorrenti bhala xhieda ressqu biss l-affidavits taghhom u dokumenti annessi. Ma tressaq l-ebda terz in sostenn tal-versjoni tal-fatti mressqa minnhom.

Illi b'referenza ghall-affidavit tar-rikorrent Bruno Philip Farrugia l-Qorti tinnota li dan huwa pjuttost xott mid-dettalji dwar kif suppost ir-rikorrent Farrugia kien jippossjedi din l-ghalqa u x'kien jaghmel fiha. Fil-fatt il-Qorti nnutat diskrepanza kbira u xhieda kontradittorja bejn il-ftit li jinghad mir-rikorrent fl-affidavit tieghu

u dak li huwa jghid in kontro-ezami. Fl-affidavit tieghu r-rikorrent Farrugia jghid li gieh il-hsieb li jhawwel il-qamh fl-ghalqa u staqsa lill-gar tal-ghalqa Michael Spiteri min seta' jaghmel dan ix-xoghol ghalih. Dan jevidenzja lill-Qorti li ma kienx soltu u regolari li r-rikorrent jizra' l-qamh f'din l-ghalqa ghaliex li kieku kien hekk kien ikun jaf ezatt x'ghandu jaghmel u lil min ghandu jikkuntattja. B'kuntrast kbir in kontro-ezami huwa jitkellem daqs li kieku l-ghalqa in kwistjoni kien jizraghha bil-qamh kull sena. Fil-fatt il-Qorti nnotat ukoll li fl-affidavit tieghu r-rikorrent Farrugia ma jsemmix li kellu xi annimali f'din l-ghalqa fattur li semmai kien ikun wiehed importanti hafna biex jipprova l-allegat pussess tieghu. B'kuntrast kbir in kontro ezami jghid li huwa kien imur jaghlef l-annimali kuljum u gurnata minnhom ma kienx hemm il-blokok u l-ghada kienu hemm! Ukoll fl-affidavit tieghu ma jsemmix illi l-blokok in kwistjoni kien ilhom fil-genb tal-ghalqa sa minn Gunju tas-sena ta' qabel u jixhed daqs li kieku dawn tfaccaw mix-xejn dak in-nhar tal-allegat spoll. B'kuntrast in kontro-ezami jammetti li dawn il-blokok kien ilhom hemm fil-genb mill-festa. Ukoll fl-affidavit tieghu ir-rikorrent Farrugia mkien ma jsemmi x'tip ta' prodotti huwa kien suppost ikabbar f'din l-ghalqa, fattur iehor li kien ikun importanti sabiex isahhah l-allegazzjoni tal-pussess. Ghal darb'ohra in kontro-ezmai huwa jsemmi hafif hafif li kienu gia qalghu l-patata. Fl-affidavit tieghu r-rikorrent Farrugia jghid li kien ilu jghix mar-rikorrent l-iehor Joseph Spiteri minn meta kien zghir izda l-insistenza li r-rikorrent

l-iehor kien missieru tohrog aktar tard fil-mori tal-kawza u fil-kontro ezami. Finalment fl-affidavit tieghu r-rikorrent Farrugia jsostni li Joseph Spiteri kien ilu ma jitla' r-raba' minhabba sahhtu l-ahhar sentejn filwaqt li in kontro-ezami jghid li kien ghadu jitla' sakemm saru l-blokok.

L-istess ir-rikorrent l-iehor Joseph Spiteri huwa xott ghall-ahhar dwar id-dettalji tal-pusess fl-affidavit tieghu. Kull ma jghid li kien jahdimha, li r-rikorrent kien jghinu u jiprezenta rcevuti tal-hlas tal-bqiela li jaslu sas-sena 2015.

Minn naha l-ohra l-intimati lkoll jixhdu li kien fis-sena 2015 li Joseph Spiteri rrilaxxa l-ghalqa u dan jaqbel mal-ktieb tal-kera esebit minnu stess. Isostnu li kien fis-sena 2017 li bdew jinkarigaw lil Jesmond Pace biex jahdem l-ghalqa. Dan ukoll jaqbel mal-prova mressqa fl-atti tar-ritratti mill-ajru li juru li bejn is-sena 2012 sas-sena 2016 l-ghalqa ma kinitx qed tinhadem. Dawn l-istess ritratti jevidenzjaw ukoll li r-rikorrent Spiteri jew ir-rikorrent l-iehor l-ahhar li hadmu l-ghalqa kien qabel is-sena 2012 b'dana li huwa wkoll korroborat dak li jsostnu l-intimati kollha fix-xhieda taghhom li l-ghalqa fis-sena 2015 huma haduha lura fi stat ta' abbandun. L-intimati ressqu wkoll bhala xhud lit-terz Jesmond Psaila li kkonferma bil-gurament li huwa kien ilu jigi nkarigat jahdem l-ghalqa mill-intimati mis-sena 2017. Dawn ix-xhieda lkoll ikkonfermaw li l-blokok fl-ghalqa ma kienux

poggewhom huma izda l-kazini stess fi zmien il-festa, fattur li kkonferma r-rikorrent stess in kontro-ezami wara li saritlu domanda specifika dwar dan.

Il-Qorti tinnota wkoll li r-rikorrenti setghu facilment iressqu lit-terz li suppost gie nkarigat sabiex ihawwel il-qamh dakinhar tal-ispoll sabiex jikkorobora l-versjoni taghhom izda ghazlu li dan ma jaghmluhx. Detto cio' izda mill-assjem tal-provi dan il-fattur ukoll jaghmel ukoll sens stante li l-intimati jixhdu li fil-fatt il-problemi li kellhom huma kien ma' dan it-terz certu Francis Galea u mhux mar-rikorrent, tant li lir-rikorrent Bruno Farrugia lanqas kienu jafuh u meta marru bil-pulizija huma sabu lil Francis Galea fuq il-post u mhux lir-rikorrent li mar wara. Ghalhekk ix-xhieda ta' Francis Galea kieku ttella' probabilment kienet ser tkun kontra dak li jsostnu l-istess rikorrenti.

Illi rizultat tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti l-Qorti tqis li l-versjoni veritiera u kredibbli dwar il-pussess tal-ghalqa in kwistjoni hija dik imressqa mill-intimati u cioe' li r-rikorrent Joseph Spiteri kien irrilaxxa l-pusses tar-raba' lir-rikorrenti lura fis-sena 2015 tant li ma regax hallas il-qbiela. Minn dak iz-zmien kienu l-intimati li kmandaw dak li jigri fl-ghalqa anki dwar hruq ta' nar u tindif tal-ghalqa u qabbdu terz sabiex jahdem l-istess. Jidher li lejn Jannar 2022 r-rikorrent Bruno Farrugia ghal xi raguni ftakar f'din l-ghalqa u deherlu li kellu jimponi xi tip ta' pussess

fuqha billi jhawwel il-qamh wara li r-rikorrent l-iehor kien ilu snin twal li rrilaxxja l-pussess fuq l-istess. Bruno Farrugia ma rnexxilux jaghmel dan grazzi ghall-intervent tal-pulizija. Dan kollu jwassal il-Qorti ghall-konkluzjoni li hadd mir-rikorrenti ma kellu l-pussess jew il-mera deternzjoni tal-ghalqa in kwistjoni dakinhar tal-allegat spoll w'ghaldaqstant il-kawza odjerna ma tista' qatt tirnexxi.

Illi l-Qorti ghar-ragunijiet suespost ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. In vista' ta' dan il-Qorti tqis li jkun futli li tidhol f'analizi tal-eccezzjonijiet preliminari u proceduralі mqajjma mill-intimati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

(i) Tilqa' t-tielet, il-hames u t-tmien eccezzjoni tal-intimati filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra;

(ii) Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti stante li rrizulta nieqes fihom l-element tal-pussess b'dana li legalment ma tistax tirnexxi l-kawza ta' spoll vjolenti u klandestin tentata.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**31 ta' Ottubru 2023**

**Cora Catania**

**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Ottubru 2023**